



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Marzu 2022  
(OR. fr, en)

6301/22

LIMITE

EF 53  
ECOFIN 132

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kisba tal-awtonomija strateġika ekonomika u finanzjarja tal-UE f'ekonomija miftuħa: sena wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

---

***Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kisba tal-awtonomija strateġika ekonomika u finanzjarja tal-UE  
f'ekonomija miftuħa: sena wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni***

Il-Kunsill:

1. JISĦAQ li l-Unjoni Ewropea, li għandha sistema ekonomika u finanzjarja kbira ħafna u miftuħa, hija kommissa li tikkontribwixxi għal, u ssostni, ordni ekonomiku u finanzjarju internazzjonali miftuħ, ibbażat fuq il-prinċipji tal-multilateraliżmu, il-ġustizzja u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni;
2. IFAKKAR f'dan ir-rigward fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020<sup>1</sup>, li enfasizzaw li "Il-kisba ta' awtonomija strateġika filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa hija objettiv ewlieni tal-Unjoni.";
3. ITENNI l-impenn tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, kif minqax fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-10 u l-11 ta' Marzu 2022, biex jieħdu aktar responsabbiltà għas-sigurtà tal-UE u biex jieħdu passi deċiżivi ulterjuri lejn il-bini tas-sovranità Ewropea tagħna, it-tnaqqis tad-dipendenzi tagħha u t-tfassil ta' mudell ġdid ta' tkabbir u investiment għall-2030;
4. JENFASIZZA li l-UE jeħtieġ li tkompli tfitteż bilanċ xieraq bejn iż-żewġ objettivi, fi sforz biex tikseb l-awtonomija ekonomika u finanzjarja tagħha, filwaqt li żżomm il-ftuħ, il-kooperazzjoni globali ma' sħab tal-istess fehma u l-kompetittività tagħha, u taħsad il-benefiċċji potenzjali tagħhom. Il-kisba ta' dawn l-objettivi hija importanti għas-salvagwardja tal-interessi ekonomiċi leġittimi tal-UE, kif ukoll tal-istabbiltà ekonomika u finanzjarja tal-UE u lil hinn minnha;

---

<sup>1</sup> Dokument EUCO 13/20

5. JENFASIZZA li l-iżviluppi reċenti, b'mod partikolari l-impatt tal-pandemija tal-Covid-19, in-nuqqasijiet globali fil-provvista ta' prodotti u servizzi essenzjali, żbilanċi akbar fis-swieq dinjija tal-enerġija kif ukoll l-effetti tagħhom fuq il-kumpanniji u l-Istati Membri, komplew ikkonfermaw l-importanza li tiġi segwita l-awtonomija strateġika tal-UE filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa; JENFASIZZA li l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna rriżultat f'instabilità dejjem tikber, kompetizzjoni strateġika u theddid għas-sigurtà; IFAKKAR li billi tibni l-awtonomija strateġika tagħha f'ekonomija miftuħa, l-għan tal-UE huwa, b'mod partikolari, li tiżgura r-reżiljenza tal-ekonomija tagħha u tippreserva l-kapaċità tagħha li ttiproteġi u tiżviluppa l-interessi ekonomiċi u finanzjarji tagħha;
6. IFAKKAR f'dan l-isfond fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2021<sup>2</sup>, fejn il-Kummissjoni tistabbilixxi kif l-UE tista' ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha fl-oqsma makroekonomiċi u finanzjarji;
7. ITENNI li tali strateġija ġenerali hija bbażata fuq diversi approċċi importanti u reċiprokament dipendenti. Fost dawn hemm it-tliet pilastri ewlenin li ġejjin: l-iżgurar ta' rwol internazzjonali aktar b'saħħtu tal-euro inkluż permezz ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja aktar b'saħħitha u aktar profonda kif ukoll il-promozzjoni tal-użu tal-euro u ta' strumenti ddenominati f'euro fuq livell dinji; l-iżgurar tar-reżiljenza tas-settur finanzjarju sabiex iservi l-ekonomija reali inkluż permezz tal-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja u l-appfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, filwaqt li titnaqqas id-dipendenza eċċessiva fuq istituzzjonijiet u infrastrutturi finanzjarji ta' pajjiżi terzi fejn jista' jkun mistenni li toħloq riskji għall-istabbiltà finanzjarja; il-protezzjoni tas-sistema ekonomika u finanzjarja tal-UE kontra l-effetti tal-applikazzjoni ekstraterritorjali tas-sanzjonijiet ta' pajjiżi terzi u prattiki dannużi oħra, flimkien maż-żamma ta' reġim ta' sanzjonijiet proprji tal-UE li jiffunzjona tajjeb;

---

<sup>2</sup> Dokument 5487/2021

8. JINNOTA li huwa importanti – sena mill-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq u fid-dawl tal-isfidi msemmija hawn fuq – li jitqies il-progress li sar f'dawn it-tliet pilastru u li tiġi identifikata aktar ħidma futura;

***Rigward ir-rwol internazzjonali tal-euro:***

9. L-ewwel nett, JISĦAQ li r-rwol internazzjonali tal-euro huwa primarjament appoġġat mis-saħħa u l-istabbiltà tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-elementi fundamentali ekonomiċi tagħha, inkluż dawk tal-Istati Membri tagħha, kif ukoll mill-mobilizzazzjoni tal-kapital privat u mill-kapaċità tal-UE li toħloq kondizzjonijiet li jgħinu biex tissaħħaħ il-kompetittività internazzjonali tal-atturi ekonomiċi u finanzjarji Ewropej;
10. JAPPOĠĠA l-ħidma li għaddejja tal-Kummissjoni biex tippromwovi b'mod attiv ir-rwol internazzjonali tal-euro fid-djalogi makroekonomiċi regolari tagħha ma' sħab internazzjonali u b'mod partikolari ma' dawk b'rabtiet ekonomiċi u finanzjarji aktar mill-qrib;

11. IFAKKAR li matul is-sena li għaddiet ittieħdu miżuri importanti mill-UE li ser irawmu l-awtonomija finanzjarja tal-UE f'ekonomija miftuħa u r-rwol tal-euro, bir-rispett tal-valuti nazzjonali u s-sinifikat tagħhom, inkluż il-Pakkett ta' Rkupru tas-Swieq Kapitali li introduċa emendi mmirati meħtieġa biex jiġu żviluppati derivattivi ddenominati f'euro għall-enerġija u l-materja prima u strumenti finanzjarji oħra ġewwa l-Unjoni, u l-ħruġ ta' volumi sinifikanti ta' bonds tan-Next Generation EU (NGEU); JISTIEDEN lill-Kummissjoni tressaq aktar azzjonijiet biex tappoġġa kemm ir-rwol internazzjonali tal-euro kif ukoll it-tranżizzjoni ekoloġika, pereżempju billi tippromwovi l-UE bħala ċentru globali tal-"finanzjament ekoloġiku"; JISĦAQ li l-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja u l-appfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, sabiex tittejjeb l-istabbiltà finanzjarja u jiġi promoss Suq Uniku effiċjenti fis-servizzi finanzjarji u jiġu sfruttati l-benefiċċji potenzjali tiegħu, jikkontribwixxu wkoll għat-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro; JAPPELLA GĦALL-iżvilupp ta' swieq sekondarji aktar profondi għal strumenti finanzjarji fi ħdan l-Unjoni, b'mod partikolari għal derivattivi finanzjarji ddenominati f'euro;
  
12. It-tieni, JAPPOĠĠA l-ħidma li qed titwettaq mill-Kummissjoni fir-rigward tal-finanzi diġitali; JILQA' t-tnedija tal-fażi ta' investigazzjoni dwar l-euro diġitali u JISTIEDEN lill-Eurosistema u lill-Kummissjoni Ewropea, ikomplu l-ħidma esploratorja tagħhom dwar l-introduzzjoni possibbli ta' euro diġitali għall-konsumatur (munita diġitali tal-bank ċentrali), filwaqt li jqisu tajjeb l-implikazzjonijiet għall-pagamenti diġitali bl-imnut, l-istabbiltà finanzjarja u l-politika monetarja, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, inkluż il-ħidma tal-Grupp tal-Euro; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu vvalutati l-impatti kemm fuq l-Istati Membri ġewwa ż-żona tal-euro kif ukoll dawk barra minnha; IFAKKAR, f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tal-25 ta' Frar 2022, li tali ħidma esploratorja mhi ser tippreġudika ebda deċiżjoni futura dwar il-ħruġ possibbli u l-karatteristiċi ewlenin tad-disinn ta' euro diġitali, li ser tittieħed biss aktar tard; ITENNI li l-Grupp tal-Euro b'mod regolari ser jerġa' lura għal dan is-suġġett f'format inklużiv u jiddiskuti d-diversi dimensjonijiet tiegħu, peress li dan jippermettilu jipprovdi fehmiet ċari dwar l-oġettivi ġenerali u d-dimensjonijiet politiċi ta' euro diġitali u l-kompromessi b'rispett sħiħ tar-rwoli u l-mandati istituzzjonali tal-atturi kollha involuti kif previst fit-Trattati;

13. JINNOTA li euro diġitali jkun jista' jikkomplementa biss il-flus kontanti, u mhux jissostitwixxihom. Meta jikkomplementa soluzzjonijiet ta' pagamenti bl-imnut diġitali tas-settur privat, jista' jgħin jikkatalizza l-innovazzjoni fis-settur finanzjarju u fl-ekonomija reali. Huwa għandu jirrispetta l-privatezza finanzjarja bi standards adegwati ta' protezzjoni tad-data, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni mill-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Għandu jkun sikur, faċli biex jintuża u aċċessibbli b'mod wiesa' għall-pubbliku ġenerali;
14. ITENNI li l-muniti diġitali tal-bank ċentrali jqajmu wkoll kwistjonijiet ewlenin ta' natura monetarja u mhux monetarja kemm għaċ-ċittadini Ewropej kif ukoll għas-sistemi finanzjarji; JENFASIZZA, b'mod partikolari, li sabiex tirnexxi, it-tnedija ta' euro diġitali jeħtieġ li tkun proġett Ewropew komuni, appoġġat mill-pubbliku Ewropew u b'bażi demokratika soda u tkun teħtieġ intervent mil-leġiżlatur tal-UE; JINNOTA li l-Kummissjoni biħsiebha tagħmel proposta abbażi tal-Artikolu 133 TFUE;
15. It-tielet, JIRRIKONOXXI l-impatt pożittiv tal-flussi tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp mill-Unjoni Ewropea taħt il-gwida tal-"Approċċ ta' Tim Ewropa", li jikkontribwixxi għal aktar tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi sħab tal-UE. L-"Inizjattiva tal-Global Gateway" ser tikkontribwixxi wkoll għal dan l-għan, anki billi tippromwovi valuri demokratiċi u standards għoljin, governanza tajba u trasparenza. Dawn l-azzjonijiet jikkontribwixxu għall-użu tal-euro fi flussi finanzjarji relatati mal-iżvilupp;

16. JENFASIZZA r-rwol tal-Krediti għall-Esportazzjoni fit-tisħiħ tal-kompetittività u s-sensibilizzazzjoni tas-suq globali tal-UE, fl-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku ta' pajjiżi sħab u fil-promozzjoni tal-esportaturi tal-UE u tal-kummerċ iddenominat f'euro; JILQA' l-ħidma li għaddejja fuq l-Istrateġija futura tal-UE dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni mmirata, fost objettivi oħra, lejn il-kisba ta' bilanċ bejn l-oqfsa ta' kooperazzjoni multilaterali u t-tisħiħ tal-pożizzjoni awtonoma tal-UE fix-xenarju finanzjarju internazzjonali relatat mal-kummerċ, bil-għan li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa;

***Settur finanzjarju Ewropew b'saħħtu, kompetittiv u reżiljenti li jagħti servizz lill-ekonomija reali, filwaqt li jevita r-riskji li jirriżultaw minn dipendenza eċċessiva fuq istituzzjonijiet u infrastrutturi finanzjarji ta' pajjiżi terzi:***

17. JISĦAQ li l-awtonomija tas-settur finanzjarju tal-UE u r-rwol internazzjonali akbar tal-euro huma fundamentament ibbażati fuq suq intern b'saħħtu, li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ekonomija reali li tkopri l-ħtiġijiet finanzjarji tagħha; IQIS b'mod partikolari li Unjoni Bankarja kompluta u Unjoni tas-Swieq Kapitali aktar profonda, integrata sew u li tiffunzjona tajjeb, appoġġati mill-promozzjoni tal-innovazzjoni finanzjarja, huma importanti biex jiżguraw sistema finanzjarja reżiljenti tal-UE u jappoġġaw it-tranżizzjonijiet klimatiċi u diġitali tal-UE, b'kontribut għar-reżiljenza tal-ekonomija kollha kemm hi;
18. IQIS li s-settur finanzjarju tal-UE, u l-komponenti rilevanti kollha tiegħu, iridu jissodisfaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-portata u l-profondità tas-suq intern tal-UE: b'mod partikolari, għandhom jipprovdur b'mod effiċjenti finanzi u servizzi lill-ekonomija, inkluż negozji ġodda u SMEs, ikunu reżiljenti biżżejjed għax-xokkijiet li jirriżultaw mis-settur finanzjarju jew barra minnu u jkunu kompetittivi fil-livell dinji;

19. IFAKKAR fl-importanza li jiġu implimentati miżuri ta' politika li jwasslu għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-ħolqien ta' Suq Uniku attraenti u effiċjenti, u għall-massimizzazzjoni tal-kapaċità ta' investment, filwaqt li jiġi żgurat it-trattament tajjeb tar-riskji u tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja; JINNOTA wkoll il-ħtieġa li jiġu implimentati regoli li huma mfassla apposta għal investment fit-tul, billi tiġi appoġġata l-mobilizzazzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u l-fondi ta' investment, u tiġi żgurata parteċipazzjoni akbar tal-konsumaturi li jfaddlu, filwaqt li jiġi żgurat, b'mod kostanti, livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur;
20. Rigward is-swieg kapitali, JISĦAQ fuq il-ħtieġa tal-approfondiment ambizzjuż ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, skont il-prijoritajiet stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2020<sup>3</sup>, u konsegwentement ikompli jiġu żviluppati l-attraenza u l-integrità tas-swieg kapitali tal-UE, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu żgurati l-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-investituri u tal-konsumaturi u l-iżviluppi regolatorji paralleli f'pajjiżi terzi; JILQA' b'mod partikolari l-Proposti, ippreżentati fl-2021, mill-Kummissjoni Ewropea biex isir aktar progress fl-Unjoni tas-Swieq Kapitali; JENFASIZZA l-ħtieġa għall-implimentazzjoni rapida tagħhom;
21. IFAKKAR fl-importanza fundamentali ta' Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb għat-tisħiħ tal-opportunitajiet ta' investment għad-ditti u l-individwi u JENFASIZZA l-ħtieġa li jitneħħew l-ostakli mhux ġustifikati għall-investimenti transfruntiera f'dan ir-rigward u li jiġi evitat li jitfaċċaw ostakli ġodda; JILQA' l-proposti tal-Kummissjoni għal Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew; u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jittejbu d-disponibbiltà, u l-komparabbiltà, tad-data finanzjarja u ta' sostenibbiltà dwar kumpanniji Ewropej, li hija kruċjali biex jiżdied l-aċċess għall-finanzjament;

---

<sup>3</sup> Dokument 12898/1/20 REV1

22. JENFASIZZA l-potenzjal li l-UE tkun entità li tistabilixxi l-istandards fil-finanzi ekoloġiċi u tippromwovi l-komparabbiltà u l-interoperabbiltà internazzjonali billi tfassal oqfsa effettivi li jistgħu jservu bħala punti ta' riferiment globali. It-tassonomija ta' sostenibbiltà finanzjarja tal-UE, l-Istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi propost, id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà proposta, l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar Divulgazzjonijiet relatati mas-Sostenibbiltà tas-Servizzi Finanzjarji, u l-istrateġija l-ġdida tal-UE għall-finanzi sostenibbli jistgħu jappoġġaw aktar l-investimenti ekoloġiċi fl-UE kif ukoll globalment. Dan jista' jgħin ukoll biex jiġu żviluppanti s-swieq finanzjarji tal-UE u jkollu effetti pożittivi fuq l-użu internazzjonali tal-euro;
23. JISTIENEN f'dak ir-rigward lill-Kummissjoni biex tqis valutazzjoni usa' tal-impatti tal-pakkett tal-NGEU fuq bonds ekoloġiċi;
24. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippromwovi swieq internazzjonalment integrati għall-finanzjament sostenibbli; JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' standards Ewropej ta' rappurtar dwar is-sostenibbiltà li jappoġġaw l-aġenda u l-viżjoni tal-UE dwar is-sostenibbiltà fix-xena internazzjonali; JINNOTA li l-entità Ewropea li tistabilixxi l-istandards dwar is-sostenibbiltà għandha tistinka wkoll sa fejn possibbli għall-interoperabbiltà u l-konsistenza mal-ħidma ta' entitajiet dinjija li jistabilixxu l-istandards fir-rigward tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà tax-xenarju ta' referenza; JISĦAQ li l-għan huwa li b'hekk jiġi żgurat li l-UE tkun involuta mill-qrib fil-ħidma globali biex jitrawmu l-aħjar prattiki, jiġi pprovdut pjan ta' azzjoni ambizzjuż fil-livell internazzjonali u biex l-atturi finanzjarji tal-UE jkunu jistgħu jkomplu jikkontribwixxu għall-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika f'pajjiżi terzi;

25. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis kif l-aħjar tappoġġa l-iżvilupp ta' suq trasparenti u kompetittiv għal servizzi ta' awditu u assigurazzjoni, klassifikazzjonijiet tal-kreditu u tal-ESG kif ukoll fornituri tad-data f'termini ta' forniment ta' data finanzjarja u dwar is-sostenibbiltà affidabbli, filwaqt li tesplora l-kostijiet u l-benefiċċji tad-diversifikazzjoni tal-offerta u ż-żieda fl-għadd ta' fornituri ta' servizzi u ta' data, sabiex tgħin fil-bini ta' tmexxija Ewropea f'dan il-qasam; JILQA' r-Rapport ta' Monitoraġġ tal-Kummissjoni dwar is-Suq tal-Awditjar<sup>4</sup> u l-proċess biex tissaħħaħ il-kwalità tal-awditu u tar-rappurtar korporattiv fis-Suq Uniku;
26. Fir-rigward tas-settur bankarju, JISSOTTOLINJA li settur bankarju Ewropew reżiljenti u kompetittiv jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-awtonomija finanzjarja u strateġika tal-UE f'ekonomija miftuħa, filwaqt li jipprovdi finanzjament lill-ekonomija fuq bażi sostenibbli; ITENNI li l-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja hija ta' importanza kbira biex isir progress lejn suq bankarju uniku reżiljenti u effiċjenti, jiġu protetti l-kontribwenti u d-depożitanti u jitqiesu b'mod effiċjenti l-ħtiġijiet speċifiċi tal-ekonomiji reali Ewropej; JINNOTA wkoll li l-inizjattivi biex jissaħħaħ il-qafas regolatorju, b'mod partikolari l-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja, il-proposti leġiżlattivi li jmiss mill-Kummissjoni kif ukoll il-Pakkett Bankarju tal-2021, għandhom iżidu r-reżiljenza tal-banek Ewropej, filwaqt li jippreservaw id-diversità tal-mudelli ta' negozju tagħhom u l-kompetittività tagħhom, kif ukoll isaħħu s-Suq Uniku;

---

<sup>4</sup> Dokument 6192/21

27. IFAKKAR fid-dikjarazzjoni tas-Summit tal-Euro tas-16 ta' Diċembru 2021 li titlob lill-Grupp tal-Euro f'format inklużiv biex jiffinalizza fuq bażi kunsenswali pjan ta' ħidma fi stadji u marbut biż-żmien dwar l-elementi pendenti kollha tal-Unjoni Bankarja li jwitti t-triq lejn it-tlestija tagħha, kif mitlub ukoll fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-10 u l-11 ta' Marzu 2022;
28. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2020 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu<sup>5</sup> u JTENNI li sistema finanzjarja reżiljenti għandha tiġi appoġġata wkoll minn regoli b'saħħithom dwar il-protezzjoni tas-sistema finanzjarja mill-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, filwaqt li tqis it-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà u tissalvagwarda l-istabbiltà tas-settur;
29. JILQA' f'dan ir-rigward il-Proposti, ippreżentati fl-2021, mill-Kummissjoni Ewropea biex jissaħħu r-regoli tal-UE kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT);

---

<sup>5</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, Novembru 2020, Dokument 12608/20

30. JISĦAQ li l-fiduċja qawwija tal-konsumaturi u l-investituri tikkontribwixxi għal sistema finanzjarja reżiljenti u li tali fiduċja tiddependi fuq l-eżistenza ta' qafas protettiv għall-konsumaturi li jkun adattat għall-iskop tiegħu, li jiżguralhom livell għoli ta' protezzjoni fl-Unjoni Ewropea kollha; JINNOTA li d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi finanzjarji tista' toħloq opportunitajiet ġodda għaċ-ċittadini, inkluż permezz ta' miżuri mmirati biex jappoġġaw il-litteriżmu finanzjarju u permezz ta' aċċess għal informazzjoni aktar immirata; ikompli JQIS li tali diġitalizzazzjoni tinvolvi l-użu ta' teknoloġiji ġodda, li jeħtieġu aktar azzjoni biex tiġi żgurata l-inklużjoni finanzjarja, u tista' żżid l-użu ta' partijiet terzi għall-għoti ta' servizzi, li, flimkien ma' opportunitajiet ġodda, jista' joħlqu riskji ġodda li jeħtieġu jiġu identifikati u indirizzati kif xieraq; għaldaqstant JISSOTTOLINJA l-importanza ta' skambju komprensiv bejn l-awtoritajiet u s-superviżuri nazzjonali u tal-UE fl-oqsma tal-assigurazzjoni, is-settur bankarju, is-swieq kapitali, il-ġestjoni u l-protezzjoni tad-data, u tal-AML/CFT, kif ukoll informazzjoni ċara u utli għall-konsumaturi u l-investituri;
31. JENFASIZZA li dipendenza eċċessiva fuq fornituri ta' servizzi kritiċi ta' pajjiżi terzi tista' toħloq riskji ta' stabbiltà finanzjarja fi żminijiet ta' tfixkil fis-suq finanzjarju; JAPPOĠĠA l-ħidma li għaddejja mill-Kummissjoni biex tivvaluta u tindirizza tali dipendenza eċċessiva, eż. fuq kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi li jikklerjaw id-derivattivi;

32. JISĦAQ li l-bini ta' suq tal-ikklerjar kompetittiv fl-UE jeħtieġ miżuri li jippermettu lill-parteċipanti fis-suq jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom fl-UE; JAPPOĠĠA l-esplorazzjoni ta' miżuri regolatorji, filwaqt li jitqiesu soluzzjonijiet possibbli bbażati fuq is-suq u l-ħtieġa li tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja; JISTENNA B'INTERESS LI jqis soluzzjonijiet u mitiganti xierqa, inkluż fil-qasam tas-superviżjoni tal-kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi;
33. JISTENNA B'INTERESS l-istudju tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) dwar id-dipendenza tal-UE fuq operatori finanzjarji mhux tal-UE u d-dipendenza tal-banek fuq il-finanzjament fmuniti barranin, kif imħabbar fil-Komunikazzjoni ta' Jannar 2021;
34. IFAKKAR fl-objettiv, stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Strateġija dwar il-Pagamenti bl-Imnut għall-Unjoni Ewropea"<sup>6</sup>, li jitrawwem l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' pagamenti kompetittivi lokali u pan-Ewropej ibbażati fuq is-suq; JINKORAĠĠIXXI l-iżvilupp ta' tali soluzzjonijiet, li għandu jkollhom l-għan li jkunu sikuri, innovattivi u moderni, taħt skema komuni u standards armonizzati; JINNOTA li d-domanda tas-suq ser tkun importanti għas-suċċess tagħhom; JISĦAQ fuq l-importanza li jiġi ddefinit u implimentat b'mod effettiv qafas għal "żona Ewropea ta' pagamenti" indipendenti, effiċjenti, li tiffunzjona tajjeb, miftuħa u awtonoma; JINNOTA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva dwar il-pagamenti istantanji fl-2022; JENFASIZZA l-objettiv li jiġi stabbilit qafas regolatorju b'saħħtu għal swieq fil-kriptoassi biex jiġu protetti l-istabbiltà finanzjarja, is-sovranià monetarja, u d-drittijiet tal-konsumaturi u tal-investituri, filwaqt li jiġi ppreservat il-ftuħ għall-innovazzjoni;

---

<sup>6</sup> Dokument 7225/21

***Il-ħarsien u t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastruttura tas-swieq finanzjarji:***

35. JISSOTTOLINJA r-rwol kruċjali tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju, inkluż il-pagamenti, il-kummerċ u s-saldu, li hija essenzjali u ta' suċċess fl-iżgurar ta' sistema finanzjarja effiċjenti, stabbli u globalment kompetittiva, iżda li, għal dawn ir-raġunijiet, fil-passat kienet fil-mira ta' miżuri ekstraterritorjali minn pajjiżi terzi;
  
36. JISTIEDEN għalhekk lill-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-superviżuri finanzjarji, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-kumpanniji privati rilevanti, teżamina modi kif tiproteġi aħjar il-kumpanniji tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju u lill-fornituri ta' servizzi kritiċi tagħhom minn miżuri ta' pajjiżi terzi li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament u l-istabbiltà tas-settur finanzjarju Ewropew, u tagħmel proposti f'dan ir-rigward;
  
37. JISTIEDEN ukoll lill-Kummissjoni Ewropea tqis b'mod rapidu l-aħjar mod kif tiżgura l-forniment ta' servizzi finanzjarji essenzjali, jekk is-settur finanzjarju privat ma jibqax jagħmel dan, b'rabta ma' interazzjonijiet kummerċjali jew oħrajn ma' persuni, entitajiet jew pajjiżi terzi li huma soġġetti għal miżuri ta' pajjiżi terzi, inkluż sanzjonijiet ekstraterritorjali. Dan jgħin biex jiġu żgurati l-interessi kummerċjali ġustifikati u l-prerogattivi politiċi tal-Unjoni Ewropea;

***L-iżvilupp ta' mekkaniżmu effettiv għall-ġestjoni tas-sanzjonijiet:***

38. Fid-dawl tal-avvenimenti reċenti, IFAKKAR li s-sanzjonijiet huma għodda essenzjali tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE; f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, is-sanzjonijiet tal-UE għandhom l-għan li jappoġġaw il-paċi u d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali;
39. JENFASIZZA l-importanza tal-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet, biex tiġi żgurata l-effikaċja tagħhom u jiġi massimizzat l-impatt tagħhom; JENFASIZZA wkoll li kooperazzjoni mill-qrib u sostnuta ma' sħab tal-istess fehma għandha tintuża b'mod konsistenti biex is-sanzjonijiet rispettivi jiġu allinjati kemm jista' jkun sabiex jinkisbu għanijiet komuni u biex tiġi evitata l-adozzjoni ta' sanzjonijiet ta' pajjiżi terzi li jvarjaw fl-ambitu jew fis-sustanza minn dawk tal-UE;
40. IFAĦĦAR l-azzjonijiet li diġà ttieħdu mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-qasam tal-implimentazzjoni u l-infurzar uniformi tas-sanzjonijiet tal-UE; jappoġġa l-ħidma li għaddejja biex jiġu identifikati u miġġielda Prattiki li għandhom l-għan li jevitaw u jimminaw is-sanzjonijiet tal-UE, inkluż f'xi każijiet ir-riskju ta' ċirkonvenzjoni li jista' jirriżulta minn ċerti tranżazzjonijiet fil-kriptoassi; JENFASIZZA l-importanza ta' sforzi kontinwi biex is-sanzjonijiet kollha adottati jiġu infurzati b'mod strett u uniformi;

41. IFAKKAR li l-UE tirrifjuta l-applikazzjoni ekstraterritorjali ta' sanzjonijiet ta' pajjiżi terzi meta din ma tkunx konsistenti mad-dritt internazzjonali; u, JISSOTTOLINJA li, meta dan ikun il-każ, tali miżuri jheddu l-integrità tas-Suq Uniku u s-sistemi finanzjarji tal-UE, inaqqsu l-effettività tal-politika barranija tal-UE u jpoġġu pressjoni fuq il-kummerċ u l-investment leġittimu; u, fl-aħħar mill-aħħar, jaffettwaw il-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri li jwettqu politiki mingħajr indħil barrani;
42. JINNOTA li matul dawn l-aħħar snin, ċerti pajjiżi terzi żiedu l-użu tagħhom ta' sanzjonijiet, jew miżuri regolatorji oħra, li għandhom impatt fuq l-imġiba tal-operaturi tal-UE taħt il-ġurisdizzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha;
43. JAFFERMA MILL-ĠDID li politika msaħħa u effettiva ta' salvagwardja kontra l-applikazzjoni ekstraterritorjali illegali ta' sanzjonijiet minn pajjiżi terzi għall-operaturi tal-UE hija meħtieġa, flimkien mal-implimentazzjoni ta' għodod xierqa u tkun ta' benefiċċju għall-ftuħ, is-saħħa u r-reżiljenza tal-UE; JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-operaturi tal-UE ma għandhomx ikunu esposti għal żvantaġġi ekonomiċi sproporzjonati bħala riżultat ta' tali politika ta' salvagwardja;
44. IFAKKAR li pilastru ewlieni ta' dik il-politika huwa l-Istatut ta' Mblukkar tal-UE<sup>7</sup>, li huwa r-rispons unifikat tal-UE għall-applikazzjoni ekstraterritorjali ta' miżuri tal-pajjiżi terzi għall-operaturi tal-UE;

---

<sup>7</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96

45. JINNOTA li wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, fid-Dikjarazzjoni Konġunta tagħhom tas-16 ta' Diċembru 2021<sup>8</sup>, qablu li jaħdmu biex jiskoraġġixxu l-applikazzjoni ekstraterritorjali illegali ta' sanzjonijiet ta' pajjiżi terzi u li jipproteġu aħjar l-operaturi tal-UE minn dawn is-sanzjonijiet billi jsaħħu l-Istatut ta' Mblukkar;
46. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tagħmel segwitu għad-Dikjarazzjoni Konġunta tas-16 ta' Diċembru u tippreżenta proposta leġiżlattiva għal Statut ta' Mblukkar imsaħħaħ kemm jista' jkun malajr filwaqt li tqis l-urġenza li jiġu protetti aħjar l-operaturi tal-UE;
47. JISĦAQ li l-Istatut ta' Mblukkar imsaħħaħ għandu jippermetti lill-operaturi tal-UE jużaw il-miżuri ta' salvagwardja tiegħu b'mod aktar faċli, inaqas l-impatt tal-obbligi konfliġġenti tagħhom meta jiġu kkonfrontati minn sanzjonijiet ekstraterritorjali ta' pajjiżi terzi u d-dritt Ewropew fl-istess ħin, jissimplifika l-proċeduri, u jinkludi miżuri xierqa biex jiskoraġġixxu l-applikazzjoni illegali ta' sanzjonijiet ekstraterritorjali;
48. JINNOTA li, b'mod parallel, fit-8 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ressqet proposta għal strument li jiskoraġġixxi jew jikkompensa Prattiki ta' pajjiżi mhux tal-UE li jużaw miżuri koerċittivi biex jinterferixxu bla bżonn fl-għażliet ta' politika tal-UE jew tal-Istati Membri tagħha;<sup>9</sup>

---

<sup>8</sup> [https://ec.europa.eu/info/files/joint-declaration-legislative-priorities-2022\\_en](https://ec.europa.eu/info/files/joint-declaration-legislative-priorities-2022_en)

<sup>9</sup> [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/december/tradoc\\_159958.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2021/december/tradoc_159958.pdf)

49. JISSOTTOLINJA li dan l-Istrument Kontra l-Koerċizzjoni u l-Istatut ta' Mblukkar imsaħħaħ, filwaqt li jibqgħu strumenti separati, għandhom ikunu kumplementari għal xulxin, peress li jsegwu objettivi differenti iżda kumplementari;

***Il-kooperazzjoni mas-sħab:***

50. JISSOTTOLINJA li l-objettiv u l-istrateġija biex jiġi żgurati livell oġġla ta' awtonomija tas-sistema finanzjarja tal-UE mhumiex diretti lejn pajjiżi terzi, iżda lejn kollaborazzjoni magħhom, sabiex tinkiseb ekosistema ekonomika internazzjonali miftuħa u stabbli, skont il-valuri tal-UE. Dan jippermetti lill-UE tibqa' suq miftuħ, iżid l-istabbiltà u l-prevedibbiltà għall-operaturi ekonomiċi fl-UE u globalment, u jrawwem l-istabbiltà monetarja globali billi jiddiversifika r-reġim tal-munita ta' riżerva globali, fl-isfond ta' bidliet profondi fl-ordni ekonomiku u ġeopolitiku globali;
51. JENFASIZZA l-ħtieġa u r-rieda tal-UE li tidiskuti u tinteraġixxi dwar dawn il-kwistjonijiet ma' pajjiżi sħab u fl-oqfsa multilaterali rilevanti.